– TAPPIERA LI KKAGUNAT DANNI LIL VETTURA LI GHADDIET MINN FUQHA –
– ART. 1031 *ET SEQQ* TAL-KODICI CIVILI –
– KOLPA KOMMISSIVA U KOLPA OMMISSIVA –
– KORPORAZZJONI GHAS-SERVIZZ TAL-ILMA" (KAP. 355 TAL-LIGIJIET TA' MALTA) –
– ENTI PUBBLIKA BHALA KUSTODI TA' L-OGGETTI TAGHHA –
– RESPONSABBILITÀ GESTJONALI TA' ENTI PUBBLIKA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **69/2018**

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED [C-3143] U DINA KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGHHA ANGELO MAGRI [K.I. NRU. 164563M], SIJA BIL-POLZA U SIJA BIL-LIGI, KIF UKOLL L-ISTESS ANGELO MAGRI**

***VERSUS***

**AWTORITÀ GHAT-TRASPORT F'MALTA U WATER SERVICES CORPORATION**

B'Avviz tat-Talba introdott fit-13 ta' Frar, 2018, l-atturi talbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ghar-rizarciment tas-somma globali ta' elfejn, disa' mija u sitta u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmi (€2,946.32c) u dan wara li ppremettew hekk:

1. Illi s-socjetà attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBV-263 di proprjetà tal-assikurat tas-socjetà attrici, Angelo Magri, hawn aktar 'l isfel imsejjha "il-vettura tal-attur";

2. Illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2015 sehh incident fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq illi bhala konsegwenza tieghu l-vettura tal-attur BBV-263 soffriet hsarat wara impatt ma' tappiera mizmuma minnkom jew min minnkom jew fuq inkarigu taghkom jew min minnkom b'mod traskurat u/jew bhala rizultat tan-nuqqas da parti taghkom jew min minnkom illi zzommu l-istess tappiera fi stat tjjeb ta' manutenzjoni;

3. Illi b'hekk isegwi illi l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni jew imperizja da parti taghkom jew min minnkom;

4. Illi ghalhekk l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundanati ihallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' elfejn, disa' mija u sitta u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmi (€2,946.32c) in kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250.00c) l-excess payment illi l-attur, Angelo Magri, hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' elfejn, sitt mija, sitta u disghin ewro u tnejn u tletin centezmi (€2,696.32c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjetà attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

   Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-10 ta' Ottubru, 2017 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom illi jibqaw minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'Risposta datata l-20 ta' April, 2018 l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (*a fol*. 12), eccepiet hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ulterjorment ipprovat fis-smiegh u t-trattazzjoni ta' dina t-talba;

2. Illi preliminarjament ghandu jinghad illi l-Awtorità intimata mhijiex il-legittimu kontradittur u ghal tali danni m'ghandhiex tkun l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li tirrispondi;

3. Illi jigi sottomess li huwa manifestament car li l-incident de quo ssucceda a kawza ta' infrastruttura li ghaliha u ghal manutenzjoni taghha hija unikament responsabbli il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u li ghaldaqstant, l-Awtorità intimata ma tista' qatt tinstab responsabbli ghal tali danni;

4. Illi effettivament il-hsara allegatament subita in ogni caso ghadha trid tigi pprovata, u li l-istess hsara giet allegatament subita a konsegwenza diretta ta' tappiera, infrastruttura li hija proprjetà li taqa' fir-responsabbilità diretta u esklussiva tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma;

5. Illi ghalhekk l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ma tista' qatt tkun responsabbli ghal tali danni kkagunati a kawza diretta ta' nuqqasijiet ta' terzi;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi.

Nonostanti debitament notifikata bl-atti processwali relattivi (ara *a tergo* ta' *fol*. 6), il-konvenuta Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma baqghet ma ressqet l-ebda Risposta, ma attendiet ghall-ebda udjenza quddiem it-Tribunal u lanqas ma wettqet attività gudizzjarja fil-kors tal-procediment odjern. Ghalhekk, l-istess Korporazzjoni giet dikjarata fi stat ta' kontumacja hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' April, 2018 (ara *a fol*. 8).

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

Wara li l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2019 (*a fol*. 125), it-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali u tan-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kontendenti[1] u fl-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 150) il-procediment odjern thalla ghas-sentenza, illi qed tigi pronunzjata llum.

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan l-incident jistghu jigu koncizament spjegati hekk: Stephanie Magri kienet qed issuq il-vettura tat-tip 'mini' bin-numru ta' registrazzjoni BBV-263, proprjetà ta' missierha Angelo Magri u assigurata mas-socjetà attrici. Kienet qed issuq fi Triq il-Belt Valletta gewwa z-Zurrieq, direzzjoni minn Hal Kirkop lejn dik taz-Zurrieq.[2] Dakinhar maghha, passiggiera fuq wara, kellha lill-mara ta' huha u tifel zghir.[3] F'dak il-mument kienet niezla ftit xita u qabel kien il-maltemp.[4] Waqt li kienet qed titranzita tali triq, bl-istess vettura rifset fuq tappiera illi mid-dehra kienet impoggija f'postha hazin bil-konsegwenza li din inqghalet minn postha u kkagunat hsarat fil-vettura. Stephanie Magri tghid li ma rrealizzatx mal-ewwel x'kien gara izda li "*f'daqqa wahda nisma hoss kbir u beda' hiereg id-duhhan* […] *ma kontx naf x'gara ghax quddiemi ma kienx hemm karozzi, imbaghad x'hin hrigt indunajt li harigli l-airbag, ghax jien qatt ma kelli accident, ma kontx naf li dak l-airbag, u x'hin hrigt mill-karozza ma stajtx insuqha aktar, hrigt u ndunajt li kien hemm tappiera maqlugha.*"[5] Stephanie Magri tghid li ma kienx hemm senjaletika madwar tali tappiera[6] u li sussegwenti ghall-incident kienu gew xi nies ipoggu f'postha tali tappiera. Dakinhar, Stephanie Magri hadet xi ritratti[7] li uhud minnhom juru l-hsarat subiti fil-vettura[8] u ohrajn juru t-tappiera in kwistjoni.[9] Dan l-akkadut sehh nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2015 u s-sewwieqa tal-vettura BBV-263 irrapportatu nhar it-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2015 (ara *a fol*. 20).[10]

---

[1] Dik attrici fil-25 ta' April, 2019 (*a foll*. 140–145) u dik ta' l-Awtorità konvenuta fis-6 ta' Mejju, 2019 (*a foll*. 146–148). Ghalkemm moghtija l-opportunità fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2019 (ara *a fol*. 126), il-Korporazzjoni konvenuta baqghet ma ressqet l-ebda sottomissjonijiet.
[2] Ara *a fol*. 23.
[3] *Ibid*.
[4] *Ibid*.
[5] Ara *a foll*. 23–24.
[6] Ara *a fol*. 24.
[7] Ezebiti waqt ix-xhieda taghha fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2018 minn "Dok: SM.1" sa "Dok: SM.5" (*a foll*. 28–32).
[8] Ara *a foll*. 29–30.
[9] Ara *a foll*. 28, 31 u 32.
[10] Rapport tal-Pulizija (kopja *a foll*. 20–22) gie ezebit fl-udjenza tal-20 ta' Gunju, 2018 minn PC550 Adrian Spiteri (*vide* xhieda relattiva *a fol*. 19)

Gjaladarba l-vettura kienet koperta b'polza *fully comprehensive*,[11] l-assikrazzjoni attrici hallset ghad-danni riportati fiha u giet surrogata fil-jeddijiet ta' l-assigurat taghha, filwaqt li l-assigurat hallas l-*excess payment* fl-ammont ta' €250.00c[12] kif fuq gjà spjegat. B'din il-kawza l-atturi (assigurazzjoni kif surrogata u l-assigurat) qed ifittxu ghall-indenniz globali ta' €2,946.32c. In vista ta' tali surroga fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha gew intavolati l-odjerni proceduri kontra l-Awtorità u l-Korporazzjoni konvenuti u l-atturi azzjonawhom[13] sabiex dawn, jew min fosthom jahti, jirrifonduhom id-danni mgarrba fl-ammont komplessiv fuq indikat minhabba s-sinistru stradali.[14]

L-Awtorità konvenuta biss wiegbet ghall-pretiza attrici u rrezistiet ghaliha billi sostniet li ma kienet tahti xejn ghal dan is-sinistru izda kellha tkun il-Korporazzjoni konvenuta li kellha twiegeb peress li t-tappiera in kwistjoni kienet reposabbilità taghha li tigi debitament imharsa u adegwatament mantenuta. Il-Korporazzjoni konvenuta ma prestat u ma wettqet l-ebda attività processwali f'dan il-procediment, ossia la formalment wiegbet ghall-istanza attrici u lanqas ma attendiet ghas-seduti u lanqas ma ressqet sottomissjonijiet fl-ahhar tal-procediment hekk kif moghtija l-fakultà taghmel in virtù ta' l-Art. 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[15] Nonostanti li baqghet kontumaci, l-inattività u s-skiet taghha ma jistghux jitqiesu bhala ammissjoni.[16]

---

[11] Ara dokumentazzjoni relattiva *a foll*. 37–71.

[12] Ara *a fol*. 39 u *a fol*. 72.

[13] Ghal dik li hi kompetenza tal-qrati ordinarji biex jiehdu konjizzjoni ta' kawzi bhal dik *de quo* t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni *in re* **Argus Insurance Agencies Ltd noe et v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar et** (Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju, 2016).

[14] Ara l-affidavit ta' Malcolm Aquilina, *claims adjustor* fi hdan is-socjetà attrici (*a foll*. 34–36), li jaghti spunt spjegattiv tal-kwistjoni shiha u anke dwar il-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet interessati qabel l-intavolar tal-prezenti proceduri. Tali affidavit huwa akkompanjat minn serje ta' dokumenti varji mieghu mehmuza.

[15] Art. 158(1) jaqra hekk: "*Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss.* ***Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi***."

[16] Ghalkemm il-kontumacja hi deskritta bhala dispett lejn l-awtorità gudizzjarja, l-istess ma tissarraf qatt f'xi forma ta' ammissjoni, totali jew parzjali, tat-talba attrici. Li tiddefendi ruhek f'kawza civili huwa naturalment jedd u certament mhux obbligu. Minn tali jedd jidderiva l-precett ta' l-awtonomija ta' dik il-parti li taf taghzel illi ma tattivax ruhha u ma tirreagixxix (dejjem salv il-konsegwenzi procedurali relattivi jekk taghmel dan). Infatti, kif rilevat fid-duttrina forensi moderna, "*l'autonomia e la disponibilità del diritto alla tutela anche del convenuto, esige che quest'ultimo non sia affatto obbligato a svolgere difese, a reagire alla domanda dell'attore o comunque a partecipare attivamente al processo. Può cioè lasciare che il processo si svolga senza che egli assuma alcuna iniziativa, così dando luogo ad una situazione che tecnicamente si chiama «contumacia»* [...] *l'assenza di iniziative, o inerzia, propria di questa situazione, significa assenza dal processo soltanto in linea di fatto. Ed in realtà, in linea di diritto, il convenuto è gia presente nel processo per il solo fatto di essere stato convenuto, ossia di essere stato «regolarmente citato», perchè il giudice possa provvedere nei suoi confronti. La regola del contradittorio vuole che il giudice si pronunci solo se il convenuto è stato posto in condizioni di difendersi, se lo vuole. Ma se non lo*

Spjanat dan it-terren introduttiv, jigi rimarkat illi dan it-Tribunal, kif presjedut, kellu diga' l-opportunità jippronunzja ruhu dwar materji analogi ghal dawk in dizamina. F'dan ir-rigward issir referenza ghad-decizjoni *in re* **Argus Insurance Agencies Ltd pro et noe v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Qrendi** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Gunju, 2018; konfermata *in toto* fl-appell 25 ta' Jannar, 2019) u ghal dik *in re* **Elmo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Pembroke et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 19 ta' Novembru, 2019; *sub iudice* fl-appell). F'tali pronunzjamenti gew elenkati u mfissra l-principji guridici l-aktar rilevanti applikabbli f'kazijiet ta' din ix-xejra. Ghalhekk, ghall-evitar ta' ripetizzjoni u dilungar, issir referenza ghal tali principji bla htiega li l-istess jigu mtennija mill-gdid fil-prezenti decizjoni.

---

*vuole, questa sua inerzia non può impedire lo svolgimento del processo nel quale egli è giuridicamente già presente come parte e destinatario del provvedimento. Questa piena libertà del convenuto di partecipare o di non partecipare attivamente al processo in cui è già parte, si completa nel dato fondamentale che l'inerzia del convenuto non è affatto sufficiente per condurre all'automatico accoglimento della domanda dell'attore. È questo un aspetto caratteristico degli ordinamenti moderni che hanno abbandonato i sistemi ispirati ad un atteggiamento punitivo verso l'inerte, sia che lo costringessero a partecipare al giudizio o sia che sanzionassero la sua inerzia interpretandola come acquiescenza al provvedimento chiesto contro di lui. Negli ordinamenti moderni, tra i quali il nostro, la disciplina della contumacia tende piuttosto a proteggere il contumace. In ogni caso, non soltanto il convenuto è completamente libero di non difendersi e di non partecipare al giudizio; ma ciò non rende affatto scontato l'accoglimento della domanda* [...] *Di regola, anche nell'inerzia del convenuto, il giudice accoglierà la domanda solo se avrà potuto formare il suo convincimento circa la sussistenza del diritto, e cioè sulla volontà astratta di legge nonché sui fatti costitutivi, avvalendosi dei mezzi di prova che l'attore gli avrà fornito. Ma nulla esclude che il giudice si arresti ad una pronuncia sul processo o che si pronunci sul merito respingendo la domanda* [...] *L'inerzia del convenuto potrà pertanto, ed in conclusione, giovare all'attore, e nuocere al convenuto stesso, soltanto in linea pratica, in quanto, ovviamente, l'attore avrà più facilità nel determinare il convincimento del giudice sia in diritto che in fatto*." (*cfr*. **CRISANTO MANDRIOLI** u **ANTONIO CARRATTA**, "Diritto Processuale Civile", Vol. I, G. Giappichelli, 26ª ed., 2017; §23, pp. 134–135). Ghalhekk, in-nuqqas ta' partecipazzjoni tal-parti konvenuta m'ghandha tfisser qatt li tali parti qed tbaxxi rasha ghat-talba mressqa kontriha jew inkella xi forma ta' konfessjoni tacita ta' dak allegat kontriha. Anzi, tali omissjoni tirresponsabilizza lill-gudikant biex jaccerta ruhu li l-allegazzjonijiet attrici jigu xorta wahda pruvati u li l-precetti procedurali dejjem osservati. Fid-duttrina nsibu ritenut li, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**SALVATORE LA ROSA**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p.175). Mil-lat ta' gurisprudenza lokali, kif inghad *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959), insibu affermat li, "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal*." Fuq l-istess stregwa, gie rilevat fid-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35** illi, "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti*." Illi fil-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010) inghad li l-parti f'kontumacja "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha*." F'dan is-sens hi wkoll id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata). Dan kollu inhass necessarju jigi puntwalizzat fid-dawl ta' dak sottomess mill-atturi f'paragrafu §15 tan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom (*a fol*. 144).

Din hi kawza ghad-danni magħmula mill-atturi in segwitu ghal incident stradali li fih sfat danneggjata l-vettura assigurata mas-socjetà attrici u proprjetà ta' l-attur, wara li tappiera inqghalet minn postha waqt li l-imsemmija vettura ghaddiet minn fuqha. L-azzjoni esperita hi ghalhekk dik bazata fuq il-*Lex Aquilia*,[17] li fondament tagħha jista' jkun id-delitt (f'każ ta' *dolo*) jew il-kwazi delitt (f'każ ta' *colpa*). Il-pretiza attrici hi fondata fuq dan l-ahhar aspett, ossia l-*colpa*.

Ghandu jinghad mill-bidu nett li mill-inkartament processwali ta' dan il-kaz m'hemm xejn fil-provi li jindika xi trasgressjoni jew traskuragni fis-sewqan ta' Stephanie Magri dakinhar ta' l-incident. Kull ma sehh dakinhar kien illi l-istess sewwieqa ghaddiet minn fuq tappiera ma' l-art, illi din inqghalet minn posta u li minhabba f'hekk garrbet danni l-vettura. Ghalhekk, l-indagni ghandha tiffoka fuq min miz-zewg imharrkin f'din il-kawza ghandu jwiegeb ghal dan l-incident u cioè jekk l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghandhiex twiegeb unikament ghalih, jew jekk ghandhiex tkun solament il-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma li ghandha tirrispondi ghall-ilment ta' l-atturi jew inkella jekk addirittura tali htija tistax, jew ghandhiex, tigi spartita bejn l-imsemmija Awtorità u Korporazzjoni.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Minn qari tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-"Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta" (Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta) u tar-Regolamenti pertinent fl-Avviz Legali 29 ta' l-2010 kif emendat (intitolat "Regolmenti ta' l-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq"),[18] l-Awtorità konvenuta hija responsabbli ghaz-zamma ta' toroq klassifikabbli bhala toroq arterjali u dawk distributorji. It-triq fejn sehh dan l-incident, ossia Triq il-Belt Valletta gewwa z-Zurrieq, hi wahda distributorja. Dan sostnieh numru ta' drabi Brian Farrugia, *senior manager* fi hdan l-Awtorità konvenuta, fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Marzu, 2019.[19] Ghalhekk, Triq il-Belt Valletta gewwa z-Zurrieq, bhala triq distributorja, tirrijentra fir-responsabbilità gestjonali generali ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta.[20]

Sa hawnhekk, ir-responsabbilità ittendi tersaq lejn u taqa' fuq l-indikata Awtorità. Izda kull kaz ghandu l-fattezzi singolari u l-aspetti pekuljari tieghu "*u element fattwali wiehed jista' jkun bizzejjed biex jaghmel id-differenza minn kaz ghall-iehor*." (**C. Fino & Sons Limited v. Mario Gauci et**, Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju,

[17] 44 Dig. Del leg.aquil. IX, 2.
[18] Ligi Sussidjarja 499.57 tal-Ligijiet ta' Malta.
[19] Ara senjatament *a fol*. 128, *a tergo* ta' *fol*. 128, *a fol*. 129.
[20] Dan gie affermat u koncess mill-Awtorità fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (ara paragrafu §2 tan-nota *a fol*. 146).

2007).[21] Dan qed jigi hekk puntwalizzat ghax fid-dinamika tal-prezenti kaz tidhol enti ohra, ossia l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li apparentement hi responsabilizzata li tissorvejla u tmanti opri jew oggetti taghha li jinsabu installati jew kollokati fit-toroq. Ghalhekk, ikun floku illi hawnhekk li tigi individwat il-funzjoni ta' l-imsemmija Korporazzoni vis-à-vis tali opri u oggetti.

L-"Att Dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma" (Kapitolu 355 tal-Ligijiet ta' Malta) johloq il-Korporazzjoni konvenuta u jaghmilha enti vestita b'numru ta' funzjonijiet, kif ukoll mlibbsa minn certu dmirijiet, obbligi u responsabbilitajiet. Dan huwa espressament muri taht is-sub-inciz (6) ta' l-Art. 3 li jaqra illi l-imsemmija Korporazzjoni ghandha "*tkun soġġetta u timxi skont kull liġi, ordni, direttiva, standard u kull rekwiżit legali ieħor, ikun kif ikun deskritt, li jista' jiġi impost minn jew taħt l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, jew kull liġi oħra*." L-ampjenza ta' tali disposizzjoni hi wahda skontata u manifesta. L-istess tirrendi *mutatis mutandis* u awtomatikament appikabbli fl-operat tal-Korporazzjoni l-istandard tal-*bonus paterfamilias* preskritt taht l-Art. 1032(1) tal-Kodici Civili,[22] in-normattiva generali ta' "alterum non lædere"[23] u kif ukoll ir-regoli generici previsti fl-Art. 1031[24] u fl-Art. 1033.[25]

B'mod aktar specifiku, il-Kapitolu 355 jippreskrivi ukoll illi ghandu jkun id-dmir tal-Korporazzjoni "*li tipprovdi, ittejjeb u tkabbar dik is-sistema ta' drenaġġ pubbliku u li tnaddaf u li żżomm fi stat tajjeb din is-sistema sabiex tassigura li din topera u tibqa' topera mingħajr perikolu u b'mod effiċjenti.*" [*ex* Art. 3(3)(c)(i)], li, "*tagħmel dak kollu li jista' jkun meħtieġ jew li jwassal biex taqdi jew twettaq il-funzjonijiet tagħha kif imiss*." [*ex* Art. 3(4)(f)], li, "*tagħmel dawk l-atti kollha li huma*

---

[21] F'dan is-sens wiehed jirrikjama t-taghlim gurisprudenzjali li jghid li hu *ius receptum* illi "*kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat* a se stante *u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, c-cirkustanzi individwali ta' kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b'mod irrigidit u nflessibbli*." (**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-decizjoni *in re* **Loris Bianchi pro et noe v. John Vella** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn intqal illi, "*Tajjeb dejjem, però, li jinzamm in mira illi kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u dawn iridu jigu mistharrga fuq il-meriti jew id-demeriti taghhom*" u dik *in re* **Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li, "*Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu*."

[22] Art. 1032(1): "*Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija*."

[23] Cioè li tara li ma tweggax lil haddiehor b'ghemilek (kemm kommissiv oppure omissiv). Imsarraf f'definizzjoni guridika din in-norma tfisser kemm "*una regola di comportamento, quanto un precetto la cui violazione comporta la sanzione della responsabbilitá civile*." (*cfr.* **Massimo Franzoni**, "L'Illecito", 2[a] ed., Giuffrè 2010; p. 30). Jigi sottolinejat li dan mhux kuncett kompletament distakkat mil-ligi skritta izda wiehed illi, "*è statisticamente dimostrato che il neminem lædere si sia conquistato 'sul campo' un proprio diritto di cittadinanza nel sistema*." (**Massimo Franzoni**, "L'Illecito", 2[a] ed., Giuffrè 2010; p. 31).

[24] Art. 1031: "*Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*."

[25] Art. 1033: "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk*."

*inċidentali jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju, twettiq jew qadi tas-setgħat, dmirijiet u funzjonijiet taħt dan l-Att jew sabiex jitwettqu l-funzjonijiet tal-Korporazzjoni*.” [*ex* Art. 3(4)(g)] u anke li, “*tieħu dawk il-miżuri li minn żmien għall-ieħor ikunu meħtieġa biex tħares l-indafa, s-sigurtà u effiċjenza fis-sistema tad-drenaġġ*.” [*ex* Art. 19 (b)].

Minn dawn is-senjalazzjonijiet, jidher car illi l-imsemmija Korporazzjoni hi responsabbilizzata li tiehu hsieb, tindokra, tissorvelja u tmantni l-impjanti, l-installazzjonijiet u oggetti ohra li jaqghu fil-mansjonijiet taghha u kif ukoll li zzomm l-istess ben funzjonanti u fi stat tajjeb ta' preservazzjoni, mhux biss biex jinghata servizz pubbliku efficjenti u adegwat lill-pubbliku konsumatur izda anke ghall-evitar ta' inkonvenjenti jew ta' perikolu.

In vista ta' dak fuq appena senjalat u diskuss, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Korporazzjoni konvenuta ghandha dejjem tiehu hsieb li *manholes* bhal dawk in dizamina jkunu ben installati, li t-tappijiet li jaghlquhom ikunu ben mwahhla u li minn zmien ghal zmien issir spezzjoni ta' rutina sabiex tigi ezaminata l-qaghda taghhom. Certament, m'ghandux ikun mistenni li tappiera bhal din tinqala malli jghaddi traffiku minn fuqha, immaterjalemnt jekk hijiex gurnata sabiha jew gurnata bix-xita. Addirittura, ghandu jigi zgurat mill-Korporazzjoni konvenuta li dawn it-tappieri ma jinqalghux ghax taghmel ix-xita ghax inkella sewwieq ikun rinfaccjat b'zewg forom ta' perikoli, ossia wiehed naturali minhabba l-kundizzjonijiet atmosferici u l-iehor minhabba deficjenzi jew anomaliji f'xi oggett, installazzjoni jew impjant f'wicc it-triq bhal dak in ezami. L-ewwel xenarju ma jistax jigi evitat, mentri dan ta' l-ahhar jistghu jittiehdu mizuri u passi biex jigi evitat.

Johrog manifest mill-provi avvanzati li l-incident gie kkagunat mit-tapp tal-hadid tal-*manhole* fi Triq il-Belt Valletta fiz-Zurrieq meta gie mirfus mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBV-263 misjuqa minn Stephanie Magri. Jidher illi l-pressjoni fuq tali tap tal-hadid bil-vettura qalghu minn postu u l-istess, meta inqala u ghola 'l fuq ikkaguna hsarat fl-imsemmija vettura. Tali tap tal-hadid – li suppost kien qed jissigilla u jaghlaq *manhole* fit-triq – jaqa' fir-responsabbiltajiet tal-Korporazzjoni konvenuta u ghalhekk ghandha twiegeb ghad-dannu subit minn tali oggett lil terzi.

Ghat-Tribunal, fix-xenarju kif raffigurat f'dan il-kaz, l-irwol tal-Korporazzjoni konvenuta huwa ferm analogu ghal dak ta' kustodi ta' oggett partikolari, bid-dover insitu li jigi sorveljat, jigi gestit u mantenut u biex kwalsiasi pekuljarità jew anormalità tigi individwata, indirizzata u radrizzata. Fl-ahhar tal-gurnata, il-

vigilanza fuq tali oggetti hija ta' l-imsemmija Korporazzjoni hekk kif facilment dezunt mil-Kapitolu 355 fuq citat.

L-Awtorità konvenuta, ghalkemm munita b'responsabbilità gestjonali tat-toroq b'mod generali, ma kellha l-ebda setgha fuq it-tappiera in kwistjoni u dan, kif diga' rajna, kien dmir tal-Korporazzjoni konvenuta li tiehu hsiebha. Mill-provi rakkolti, primarjament tal-fotografiji ezibiti mil-partijiet, ma jidhirx li l-istat ta' l-asfalt ta' madwar it-tappiera kien fi stat ta' manutenzjoni prekarja, jew maqsum jew imfarrak. Il-fotografiji, partikolarment dik *a fol*. 32, turi stat ta' asfalt mad-dawra kollha tat-tappiera fi stat ta' konservazzjoni tajba. Allura, ma jistax jinghad li t-tapp tal-hadid ta' din it-tappiera jew *manhole* iccaqlaq minn postu u inqala' minhabba l-istat pjetuz jew difettuz ta' l-asfalt li jiccirkondah. Li kieku dan kien hekk, wiehed necessarjament jifhem li l-kaz kien jiehu xejra ohra, izda dan mhux il-kaz hawnhekk.[26]

Fil-kaz taghna, l-incident *de quo* ma sehhx minhabba l-indoli difettuza jew perikoluza ta' wicc it-triq distributorja li *di regola* taqa' fil-mansjonijiet u fil-kompetenza ta' l-Awtorità konvenuta izda minhabba l-qaghda tat-tappiera proprjetà tal-Korporazzjoni mharrka. Bhala konsegwenza, l-Awtorità konvenuta m'ghandhiex twiegeb f'dan il-kaz ghal dik li hija responsabbilità jew rizarciment.

Ghalhekk, kien dmir il-Korporazzjoni konvenuta li bhala *bonus paterfamilias* tiehu hsieb tindokra l-oggett taghha fiz-zona tat-triq in kwistjoni u tiskoguraha minn kwalsiasi insidji jew perikli ghall-utenti u passanti. Kien jispetta lill-istess Korporazzjoni li tara li kull oggett taht il-kontroll taghha jkun fi stat tajjeb ta' konservazzjoni u kien ukoll dmir taghha li tivvigila sabiex izomm l-oggett hieles milli jitramuta ruhu f'ostakolu jew f'insidja jew f'perikolu iehor. Kif diga' rimarkat *supra*, mhux mistenni li tappieri bhal dawn jinqalghu minn posthom u jekk dawn jinqalghu jew ghax ikun dovut ghal cirkostanzi atmosferici alkwantu straordinarji (haga li ma gietx pruvata f'din il-kawza) jew minhabba negligenza u traskuragni fl-installar, fil-vigilanza jew fil-manutenzjoni taghhom (haga li harget *in res ipsa*).

---

[26] Mod ghandek triq distributorja li tinnecessità manteniment minhabba hofor, difetti *et similia* f'wicc it-triq jew fl-asfalt u mod iehor ghandek l-istess triq li fiha hemm *manhole* (tappiera) ta' entità partikolari li tkun difettuza jew li tirrikjedi attenzjoni. Fl-ewwel xenarju, u b'mod generali, jekk jissucjedi incident, id-dell ta' htija jaqa' fuq l-entità li hi tenuta zzomm u tmantni tali toroq filwaqt li fit-tieni wiehed, f'kaz ta' sinistru, id-dell tal-htija jaqa' fuq l-entità munita bir-responsabbilità li tmantni u tissorvelja l-*manhole* fl-istess triq. Ghalkemm id-dettalji fattwali kienu alkwantu differenti, din kienet ukoll tematika affrontata fil-kawza *in re* **Elmo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Pembroke et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 19 ta' Novembru, 2019; *sub iudice* fl-appell) fejn twettqet l-imsemmija distinzjoni bejn oggett partikolari (*side verge*) specifikatament responsabbilità ta' xi hadd (kumpannija), liema oggett *a sua volta* jinsab kollokat f'zona li generalment taqa' fir-responsabbilità ta' haddiehor (kunsill lokali). Bazikament, l-indagni tar-responsabbilità trid tghaddi minn filtru (jew diversi filtri), fejn l-indagni relattiva tigi, f'kazijiet bhal dawn u dipendenti mic-cirkostanzi, dejjem imraqqa sakemm jinstab il-*fons et origo* li ta lok ghas-sinistru lamentat.

Kif ritenut fid-decizjoni fuq imsemmija *in re* **Joseph Falzon vs. Kunsill Lokali Iklin** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2006), "*Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili. Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001) kellha dan xi tghid: «Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem lædere' in osequio alla quale essa è tenuta a far si che l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto).»*" Ezattament fl-istess sens hija s-sentenza *in re* **Hugh P. Zammit et noe v. Direttur tat-Toroq et** (Appell Inferjuri, 23 ta' Jannar, 2004).

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jinzel naturali li f'dan il-kaz, u minhabba d-deskritti cirkostanzi, il-Korporazzjoni konvenuta ghandha twiegeb ghat-talba attrici b'mod esklussiv u uniku u dan ghaliex gew sodisfatti r-rekwiziti u ingredjenti f'kawza ta' dan il-generu, *ossia* (**i**) il-prova tad-dannu arrekat inkombenti fuq min jallegah; (**ii**) il-kondotta kolpuza (kommissiva u/jew ommissiva) tal-konvenut; u (**iii**) in-ness kawzattiv bejn tali danni u tali kondotta.[27]

Rigward l-ewwel rekwizit, dan gie ampjament pruvat li l-proprjetarju tal-vettura (u l-assigurazzjoni attrici in forza tas-surroga[28]) ssubixxa dannu patrimonjali, cioè fil-

---

[27] F'dan is-sens ara, fost ohrajn, is-sentenzi *in re* **George Thomas Davison v. Joseph Azzopardi noe** (Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962) u *in re* **Francis Busuttil v. Sammy Meliaq nomine** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002). Analizi mirquma tat-tlett aspetti tinsab spjegata mill-awtur **GIOVANNI PACCHIONI** fi "Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni" (CEDAM, 1940; Vol. IV, p.141).

[28] Tali surroga ma sservix ta' novazzjoni li tohloq obbligazzjoni gdida izda hi wahda fejn id-drittijiet tal-persuna assikurata jigu kontinwati fil-persuna ta' l-assikurazzjoni. Fis-sentenza *in re* **Capitano Joseph L. Muscat nomine v. Giuseppe Mizzi et nè** (Qorti tal-Kummerc, 25 ta' Novembru, 1929) li tghid illi d-danneggjant "*deve rispondere del danno verso lo assicuratore che piglia il posto dello assicurato*." Fid-decizjoni *in re* **Untours Insurance Agents Limited noe v. Salvatore Zarb** (Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005) tghid li, "*l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-danneggjat di fronte ghad-danneggjant*." Fil-kawza *in re* **Bonnici George et noe v. Phoenica Hotel Company Ltd** (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005) inghad hekk: "*Fil-kaz ta' assigurazzjoni li thallas lill-assigurat taghha ai termini ta' polza ta' assigurazzjoni il-materja tas-surrogazzjoni tiffigura fl-ipotesi kontemplata taht is-subparagrafu (c) ta' l-Artikolu 1166 li tippreskrivi l-akkoljiment tas-surroga ipso jure favur dak li kien obbligat mà ohrajn jew ghall-ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu*."

vettura tieghu. Tali aspett ma giex kontradett fil-kors tal-kawza u l-atturi ressqu provi adegwati f'dan is-sens.[29]

It-tieni rekwizit jiehu l-forma ta' kondotta kolpuza omissiva fil-kaz odjern stante li l-Korporazzjoni konvenuta naqset fid-doveri taghha ta' sorveljanza, manutezjoni, *ecc*., kif fuq diskuss. L-awtur **Francesco Ricci** ("Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile", UTET, 1912; Vol. VI, §85, p.113) jikteb, f'aktar dettall, illi l-kolpa "*non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ciò che avrei dovuto fare.*"

Ma hemmx bzonn ta' bilfors li jkun hemm l-infrazzjoni ta' norma imperattiva ta' dritt (ligi skritta) sabiex wiehed jigi ritenut hati ta' ghemil traskurat/negligenti. Dan ghaliex, skond **Enrico Altavilla** ("La Colpa: Parte Prima", UTET 1957; §13, p.42), "*il dovere di diligenza e di prudenza deriva da un complesso giudizio di pericolosità di condotte, nel duplice aspetto commissivo od omissivo, così che, pur non essendo imposte da una specifica norma giuridica, sono regolate dai bisogni di convivenza sociale*." Dan ma hux xejn hlief rikjam ghall-principju ta' "neminem lædere" diga' senjata aktar kmieni f'din id-decizjoni. Ghalhekk, certu prekawzjonijiet u certa kura ghandhom dejjem jittiehdu bhala rispett versu l-ohrajn u hekk kif l-awturi **Cadoppi** u **Veneziani** ("Manuale di Diritto Penale"; CEDAM, 2a ed., 2006; p.326) jiktbu, "*Ciascuno di noi, quando svolge una certa attività, è tenuto a svolgerla rispettando determinate regole precauzionali. Scopo di queste regole è quello di prevenire ed evitare che venga arrecato un pregudizio ad interessi meritevoli di tutela, o – perlomeno – di ridurre il rischio entro i margini tali da renderlo accettabile*."[30] In oltre, **Massimo Franzoni** ("Le Obbligazioni: Le obbligazioni da fatto illecito" Vol.II, UTET 2004; §3, p.29) jghid illi, "*Anche nel caso in cui manchi una specifica norma di legge o di regolamento, che imponga l'obbligo di osservare una determinata linea di condotta, la colpa può venire in rilievo sotto il profilo dell'imprudenza, della negligenza o dell'imperizia. In questi casi, la colpa viene individuata in un comportamento cosciente dell'agente, che senza volontà di arrecare danno, cagiona, però, un evento lesivo ad altri; in modo particolare, la giurisprudenza fa riferimento al*

---

[29] Ara *a foll*. 34–120. Kopja tas-*survey report* fuq il-vettura danneggjata jinsab *a foll*. 76 – 93 u r-ricevuti tal-hsara *a foll*. 94–99 u *a foll*. 103–104.

[30] Kif inghad minn Lord Atkin fil-kawza tal-House of Lords *in re* **Donoghue (or M'Alister) v. Stevenson** ([1932] All ER Rep 1; [1932] AC 562; p.580), "*There must be, and is, some general conception of relations giving rise to a duty of care, of which the particular cases found in the books are but instances. ... The rule that you are to love your neighbour becomes in law you must not injure your neighbour* […] *You must take reasonable care to avoid acts or omissions which you can reasonably foresee would be likely to injure your neighbour. Who, then, in law, is my neighbour? The answer seems to be — persons who are so closely and directly affected by my act that I ought reasonably to have them in contemplation as being so affected when I am directing my mind to the acts or omissions that are called in question*."

*requisito della prevedibilità o rappresentabilità dell'evento dannoso, come componente essenziale della colpa. Il giudizio sulla prevedibilità o rappresentabilità dell'evento, tuttavia, viene effettuato secondo il criterio della media diligenza ed attenzione del buon padre di famiglia, rapportato alla situazione verificatasi in concreto. Pertanto, non vi è un'indagine sulla coscienza e sulla volontà dell'agente, in quanto attraverso il confronto con il parametro standard della diligenza del buon padre di famiglia, si accerta la difformità del comportamento tenuto rispetto a quello che, invece, era richiesto*."

Ma jistax jonqos li f'din l-ekwazzjoni jinserixxi ruhu l-parametru standard ta' dik id-diligenza li jippreciza l-Art. 1032(1) tal-Kodici Civili, ispirata minn dik id-dottrina indikanti "*una forma di attenzione nei confronti dell'altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell'obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attività secondo particolari modalità; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine*" (**Massimo Franzoni**, *op. cit.*, p.25) citata b'approvazjoni fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede inferjuri, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Paul Berry et** moghtija fl-24 ta' Jannar, 2007.

Maghmula dawn is-senjalazzjonijiet, it-Tribunal jemmen li l-Korporazzjoni konvenuta ma adegwatx il-kondotta taghha skond il-livell ta' diligenza u ta' prudenza rikjesti fil-qadi tad-dmirijiet u tal-funzjonijiet taghha. Inoltre jidher li l-istess Korporazzjoni setghet tagixxi diversament a bazi ghar-regoli li ghandhom jigu mharsa minn persuna ordinarja b'diligenza komuni, ossia li hi setghet tipprevjeni (u anke tipprevedi l-potenzjalità ta' incidenti xejn remoti) l-insidja jew perikolozità insita f'tappieri bhal dik in kwistjoni. L-indikati omissjonijiet, jekwivalu ghal kondotta kolpuza li ma tistax tigi eskluza stante illi l-Korporazzjoni kienet f'posizzjoni li tevita d-dannu kkagunat ghax hi kellha d-dover generali li tipprevedi u tilqa' ghalihom.

It-tielet rekwizit imsemmi jitkellem dwar il-*causal nexus* bejn il-kondotta tad-danneggjant u d-danni subiti. In-nuqqas ta' vigilanza u sorveljanza adegwata wassal ghall-qlugh tat-tappiera li normalment mhux mistenni li jsehh. Din spiccat biex inqalghet minn postha u gholiet meta ghaddiet il-vettura misjuqa minn Stephanie Magri. L-inalzament taghha minn postha spicca biex laqtet il-vettura u kkagunatilha hsarat. Ghalhekk, jezisti l-imsemmi ness kawzattiv bejn il-kondotta omissiva tal-Korporazzjoni konvenuta u d-danni subiti, ness kawzattiv illi – hekk kif digà intqal – ma hux interrot u/jew mmarkat b'xi ghemil kontributorju tas-sewwieqa tal-vettura.

Ghal dak li jikkoncerna *quantum* ta' hsarat, minn ezami akkurat ta' dak imressaq mill-atturi[31] – u kif ukoll mghejjun b'dak imfisser fil-parti rilvenati ta' l-Art. 9(2)(*b*) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal jemmen li d-dannu gie pruvat ghal dak li hi konsistenza, kwalità u kwantità tieghu u ma ghandux raguni l'ghaliex ghandu jiddiskosta ruhu minn tali rizultanzi, anke l'ghaliex il-kontro-provi jew l-argumenti relattivi ma jnisslu l-ebda dubju f'dan it-Tribunal.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi:

**I.** Jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u jiddikjara li din m'humiex legittimu kontraditturi fil-konfront tat-talba attrici;

**II.** Jilqa' t-talba ta' l-atturi u jiddikjara lill-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma bhala unikament responsabbli ghall-akkadut sinistru subit mill-atturi;

**III.** Jikkundanna lill-istess Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma thallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma fl-ammont komplessiv ta' elfejn, disa' mija u sitta u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmi (€2,946.32c).

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali mahruga fil-10 ta' Ottubru, 2017,[32] bl-imghax legali bir-rata ta' 8% fis-sena fuq l-ammont ta' €2,946.32c mit-13 ta' Ottubru, 2017 (li hija d-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali) sad-data tal-pagament effettiv u finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[31] Ara *a foll*. 34–120.
[32] Kopja ezibita *a fol*. 100.